MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 241/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Bonello)
Vs
Paul Pace

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 t’Awissu 2002 ghall-habta tal-11.15 a.m. fi Triq il-Kanun, St. Venera volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, hedded bi kliem u bi strument bil-ponta (turnavit) lil Brian Cascun.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 t’Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 338 (dd), 338 (bb), 342, 339 (1) (b) u 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) ghall-ewwel

imputazzjoni, ammenda ta’ hmistax il-lira Maltin (LM15) ghat-tieni imputazzjoni, ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) ghat-tielet, u ammenda ta’ ghoxrin lira Maltin (LM20) ghar-raba imputazzjoni, kif ukoll bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lill-imputat b’obbligazzjoni personali ta’ LM100 li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Brian Cascun ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka w tikkancella s-sentenza u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni hekk kif addebitata fil-konfront tieghu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ :- dwar l-ewwel imputazzjoni li mix-xiehda tal-prosekuzzjoni ma jidhirx li kien hemm xi ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bi glied u li ma kienx hemm glied bejn l-appellant u Brian Cascun u ghalkemm illetikaw xi ftit ma kienx hemm xi ghajjat li jiddisturba l-buon ordni u li l-iskambju tad-diskors sar fuq l-ghatba tal-garage u li “stricto jure” ma hemmx l-elementi tal-ghajjat U glied f’daqqa ;  dwar it-tieni mputazzjoni  ma jirrizultax li l-appellant qal xi kliem li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku ; dwar it-tielet imputazzjoni , l-Ewwel Qorti ikkonsidratha bhala zewg imputazzjonijiet  separati w distinti w nfliggiet piena ta’ LM20 ammenda ghal theddid bi kliem u Lm20 ghal theddid permezz ta’ turnavit.  Anki hawn l-uzu tal-kelma “U” jindika li t-theddid bil-kliem u b’turnavit iridu jirrizultaw kumulattivament . Illi umbaghad dwar it-theddid bi kliem hemm konflitt car fil-provi prodotti . U l-istess hemm konflitt dwar it-theddid b’ turnavit.

Semghet ix-xiehda mill-gdid fis-seduta tas-16 ta’ Jannar , 2003 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur fl-istess seduta ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat l-ordni Taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghad-data tal-lum ghas-sentenza ;

Ikkonsidrat ;

Illi din il-kawza tirrigwarda incident li nqala' go Triq il-Kanun , Santa Venera fit-12 t' Awwissu, 2002 , ghall-habta tal-11.15 am , bejn l-appellant u Brian Cascun . Dan tal-ahhar xehed li xi zmien  qabel l-incident hu kien qal lill-appellant, li ghandu garage bieb ma' bieb mieghu , biex ma jipparkjalux izjed karozza bla licenzja w insurance quddiem il-garage tieghu . L-appellant kien wiegbu : "Tindahallix. Jien naghmel li rrid hawnhekk."  Xi jumejn wara kien sellem lill-appellant, izda dan intrefa' minnu . Fit-12 t' Awwissu, 2002 , meta hu kien fil-garage tieghu ma bintu w ommha, mar l-appellant u beda' joffendieh b' kemm ghandu w jidghi b' Alla w bil-Madonna. Qallu ukoll "inti mur hudu …kemm ghandek ." u werwirlu lit-tifla w ixxukkjha, sa ghamlet pipi tahtha. Qallu ukoll "Jien ghad noqtlok lilek u mur hudu…" Qal ukoll : "Ghax jien a la bieb …".  Dak il-hin hareg tornavit u ghamilulu ma ghonqu w qallu : "Ghax jien noqtlok lilek , jien ghad noqtlok lilek." Kien hemm. ragel li ma jafx min hu li qal lill-appellant "Pawl int qed tiggennen hrigt bit-turnavit ghalih!"  Dak il-hin kemm hu kif ukoll l-appellant kienu fuq il-bankina quddiem il-garage tieghu . Imnalla kien hemm dak ir-ragel, . Hu dahal gewwa w ghalaq il-bieb tal-garage u wara mar jaghmel rapport lill- Pulizija.  Fil-kontro-ezami cahad li dak in-nhar kienu tlewwmu ghax hu kien tefa' xi ilma mahmug barra w quddiem il-garage tal-appellant.

Marion Xuereb  li tigi omm it-tifla ta' Cascun , xehdet li dak in-nhar kienu fil-garage w kien mar l-appellant jghajjat u jitkellem pastaz hafna w oxen quddiem it-tifla taghha w werwirilha . Beda jitkellem "B'…… kemm ghandkom ", bil-Madonna b' Alla u b' li jigi  w qal kliem  pastaz hafna wkoll bil-Madonna , b' Alla u b' kollox. Umbaghad f'daqqa wahda hareg tornavit minn wara w ghamlu ma ghonq Cascun u qallu : "Jien noqtlok. Jien ghad noqtlok.." Umbaghad kien hemm ragel li ressqu lura w qallu : "X' int taghmel qed tiggennen?" L-appellant kien fuq il-bankina barra l-garage ta' Cascun . Cascun m' ghamel xejn u

baqa’ cass. Ma tafx li dik in-nhar kien hemm xi kwistjoni fuq ipparkjar ta’ karozzi. Mill-garage taghhom ma johrogx ilma li jiskula quddiem il-garage tal-appellant . Ma tafx ghaliex l-appellant kien gie jghajjat f’ daqqa wahda Umbaghad huma kienu ghalqu l-garage u marru ghand il-Pulizija.

Francesca Xuereb li ser taghlaq tmin snin u li gie mfisser lilha l-importanza tal-gurament mill-Qorti , xehdet li hi, ommha w missierha kienu fil-garage u f’daqqa wahda gie dan ir-ragel li ghandu garage hdejhom u beda jghajjat u jghid kliem pastaz f’ wicc id-daddy . Umbaghad hareg tornavit “daqshekk” minn wara w qallu : “Jien noqtlok. Jien Noqtlok.” u hi bdiet tibki , tghajjat u twerzaq u ghamlet pipi tahtha w missierha ghalaq il-garage u marru ghand il-Pulizija.

Sean Briffa li ghandu garage hdejn l-appellant xamm riha ta’ drenagg jew pipi w hareg u ra lill-appellant jillitiga ma Brian Cascun . Kien ra lil Cascun jarmi barmil umbaghad hareg tank zghir , riha ta’ urina. Il-garage ta’ Cascun  hu aktar fil-gholi ghax it-triq hemm taqleb lejn il-garage tal-appellant u tax-xhud. It-tnejn bdew jidghu , l-appellant u Cascun. Lill-appellant ma ralu xejn f’idejh.

L-appellant xehed li kien jahdem fil-garage tieghu ma ibnu u lavrant  inaddffu car . F’daqqa wahda xamm riha ta’ spirtu tal-melh u pipi  u ra lil Cascxun jarmi barmil. Kien hareg u qallu : “Tarmix pipi . Ilma armi kemm trid imma pipi tarmix.”  Cascun wiegbu : “Jien a la bieb …. Minnek.” Mistoqsi jekk dghax , l-appellant wiegeb li jekk jghid li ma dghax kien ikun qed jigdeb. Cahad li hareg tornavit . Hu ghajjat ghax Cascun ghajjat . “Ghajjat hu, ma nghajjatx jiena?!  Nahseb jekk joffendik hu ma nahsibx li tibqa’; b’xejn.”
Cascun jilbes T-Shirt bi kliem “F…off” fuqha . Fil-konfront ma Cascun dwar jekk kellux tornavit fuqu dak il-hin , Cascun baqa jsostni li l-appellant kellu tornavit u heddu bih u l-appellant baqa jichad li kellu tornavit.

Illi minn dan ir-riassunt tal-provi jidher car li l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex issib lill-appellant hati tal-

imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti , specjalment meta jirrizulta “ex admissis” l-ghajjat u d-dagha mid-depozizzjoni tal-istess appellant , li bhala fatt , qed jikkontesta biss it-theddid bit-tornavit. L-appellant ma cahadx li hedded verbalment lil Cascun fid-depozizzjoni tieghu , invece hemm tlitt xhieda jghidu li hu heddu li joqtlu u din il-Qorti ma ghandhiex ghax ma temminx lil dawn ix-xiehda.

Illi umbaghad ma hemmx ghalfejn ikun hemm l-ghajjat u l-glied flimkien biex tissussisti l-kontravvenzjoni kontemplata fl-ewwel imputazzjoni w koperta bl-artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 indikat fil-komparixxi w citat fis-sentenza appellata. Di fatti dan is-subinciz (dd) jiddisponi li :-

“Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min :-
(dd) b’xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra f’dan il-Kodici jikser volontarjament il-buon
ordni jew il-kwiet tal-pubbliku .”

Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull “disturbance to the peace and good order” sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f’daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f’daqqa w jista’ jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku . Ghalhekk hija skorretta legalment is-sottomissjoni tal-appellant li tghid li ghax ma jirrizultax l-ghajjat u l-glied fiziku flimkien , jonqos xi element kostituttiv ta’ din il-kontravvenzjoni.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali “ Il-Pulizija vs. Paul Busuttil” [23.6.1994] : “Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar

minimu ta’ nkwiet jew thassib f’mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita’ fizika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita’ ta’ proprjeta’ , kemm b’rizultat dirett ta’ dak l-eghmil jew minnhabba l-possibilita’ ta’ rejazzjoni ghal dak l-eghmil” u “dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah “a breach of the peace.” Dik il-Qorti kienet iccitat b’approvazzjoni lill-Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza “ Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et.” [Kolloz Vol. XII , p.472, 475] kien qal :-

“Che il buon ordine e la tranquillita’ pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all’ autorita’ pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale , e’ violazione dell’ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto.”

Illi indubbjament fl-agir u l-atteggjament minaccjuz u litigjuz tal-appellant , kien jew ma kienx provokat minn xi agir abuziv ta’ Cascun , kien hemm dan l-element ta’ minaccja ghas-sicurezza ndividwali w inholoq ukoll certu biza w prejokuppazzjoni f’terzi , tant li bint l-appellant twerwret u ghamlet pipi tahtha. Ghalhekk tezisti din il-kontravvenzjoni fl-elementi taghha kif fuq delineati.

Umbaghad bil-fatt li fil-komparixxi ssemmew il-kliem “b’ghajjat u glied” , dan ma jfissirx li nholot xi kontravvenzjoni gdida b’elementi godda , ghax din hi frazeologija li spiss tintuza fil-komparixxi biex tkopri eventwalitajiet simili ghal kaz in ezami , fejn ghall-prosekuzzjoni ma jkunx maghruf bi precizjoni hux ser jirrizulta semplici atteggjament minaccjuz jew litigjuz b’ghajjat biss jew addiritura xi kuntatt fiziku wkoll . Imma l-kontravvenzjoni tibqa’ dik kif tissemma fil-ligi w l-ghajjat jew glied huma biss manifestazzjoni tal-ksur tal-buon ordni w mhux elementi kostituttivi tar-reat . Di fatti l-ligi ssemmi “B’ xi mod ehor” , mela ikun x’ikun il-mod li johloq il-“breach of the peace” sija ghajjat , sija glied , jew it-tnejn flimkien , il-kontravvenzjoni xorta tirrizulta.

Illi l-aggravju dwar dak li l-appellant isejjah t-tielet imputazzjoni lanqas ma hu gustifikat , ghaliex ghalkemm fil-komparixxi wara in-numru 3. hemm raggruppati zewg cirkostanzi differenti w cioe' theddid bi kliem u theddid bit-tornavit , l-Ewwel Qorti sabet li dawn il-fatti effettivament jaqghu taht zewg kontravvenzjoni differenti u cioe' dik koperta bis-subinciz 339 (1) (b) ta' min, minghajr ma jidrob jew isawwat , jhedded bi hwejjeg iebsin jew jaqbad armi ohra kontra n-nies u dik koperta bis-sub-inciz (1) (e) ta' min jaghmel ingurji lil haddiehor jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici. Illi l-Ewwel Qorti kienet sodisfatta li rrizultawlha kemm it-theddid bit-tornavit , li hu oggett iebes, kif ukoll bil-kliem: "Jien ghad noqtlok lilek " u kliem simili w kellha kull dritt li tirraviza f'dan il-ksur taz-zewg kontravvenzjonjiet koperti biz-zewg sub-incizi differenti fuq imsemmija. Illi l-fatt li fil-komparixxi l-Pulizija ghazlu li jaggruppaw dawn iz-zewg fatti li jaghtu lok ghal zewg kontravvenzjonijiet differenti taht numru wiehed ma jfissirx li necessarjament li ma jistghux jitqiesu bhala zewg kontravvenzjonijiet separati , jekk jirrizultaw pruvati , kif irrizultaw pruvati ghall-Ewwel Qorti .

Illi din il-Qorti mill-provi li anki rrizultaw quddiemha ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-fatti dwar dawn iz-zewg imputazzjonijiet differenti ta' theddid ghax jirrizultaw abbondantement mix-xhieda ta' Cascun , bintu w Marion Xuereb u l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tistrieh fuq id-depozizzjoni taghhom fir-rigward , anki jekk l-appellant ma xehedx dwar it-theddid verbali w cahad li kellu turnavit fuqu.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfemata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------